**Qorti tal-Appell Kriminali**
**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can) Ph.D.**

**Appell Nru: 376 / 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**
**vs**
**Enrico Camilleri**

Illum 15 ta' Frar 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellantEnrico Camilleri, ta' 46 sena, iben John u Giovanna nee` Galea, imwieled Luqa fil-15 ta' Novembru 1965 u residenti 14, Casa Bella, Triq il-Gdida, Luqa, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 544165 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' dawn il-Gzejjer fit-28 ta' Jannar 2012 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna/i jew ghall-persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-

1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi Awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tas-sitt (6) Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b' xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f' tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. Biegh jew xort' ohra ttraffika r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi dina r-raza, u dan bi ksur ta' l-Art 8 (b) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Ikkommetta l-imsemmija reati fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zaghzagh bi ksur tal-Artikolu 22 (2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. (4) (f) ta' A.L. 88/2018.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar id-29 ta' Settembru, 2021, fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22 (1) (a) u 22 (2) (b) (i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, sabet lill-imputat Enrico Camilleri mhux hati tal-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u illiberatu minnhom, filwaqt illi sabitu hati tat-tieni imputazzjoni u kkundannatu ghall-piena ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva u multa ta' elf ewro (€1,000).

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tax-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mija, sitta u tmenin ewro u hamsin centezmu (€186.50), liema somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien tliet (3) xhur mil-lum.

Ordnat d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dok. JF 1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi proces-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Enrico Camilleri, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-11 t' Ottubru, 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti li l-istess tigi riformata billi tkun kkonfermata f' dawk l-akkuzi fejn l-esponenti gie lliberat

minnhom u mhassra, annullata u revokata n kwantu ghat-tieni akkuza li dwarha l-esponenti nstab hati.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

1. Illi l-Ewwel Qorti lliberat lill-esponenti minn l-akkuzi kollha ddebitati kontra tieghu u sabitu hati tat-tieni akkuza ossia tal-pussess aggravat tad-droga kokajina. Illi 1 esponenti fela fid-dettall il-motivazzjoni tal-Ewwel Qorti sabiex waslet biex issib htija ta' dina l-akkuza. Illi tajjeb jinghad mill-bidu nett li l-esponenti mhux jikkontesta li effettivament instabu fuqu mal-11 gramma ta' kokajina fil-lejl meta gie arrestat. Illi li qed jigi kkontestat huwa l-fatt li l-esponenti gie misjub hati tal-akkuza ta' pussess aggravat.

2. Illi l-Ewwel Qorti tghid li skond hi l-ammont in kwistjoni ma' huwiex ammont zghir zghir u minkejja li l-esponenti kien jikkonsma hafna kokajina dak il-perjodu, zgur li l-ammont li nstab fuqu ma' kienx ser jikkonsmah fokkazzjoni wahdanija. Illi dan il-fattur u nterpretazzjoni wasslet lill-Ewwel Qorti sabiex temmen li dik id-drogn kienet fil-pussess tal-esponenti bi hsieb ta' space ossia b' mod aggravat.

3. Illi l-esponenti jifhem il-preokkupazzjoni tal-Ewwel Qorti f' dana r-rigward, izda jikkontendi li 1-Ewwel Qorti bid-dovut rispett ma' ghamlitx analazi kompluta tal-kwadru ta' dak li rrizulta fil-lejl tad-29 ta' Jannar 2012 meta l-esponenti gie arrestat. Ibda biex l-esponenti kien qieghed f' post li ghal pulizija kien mgharuf ghall-traffikar ta' droga. L-esponenti kien qieghed hemmek bhala klijent. Illi ghalhekk l probabilita hi, li l-esponenti kien hemm b' dak l-ammont ta' droga fuqu ghaliex kien ghadu kemm inqeda. Huwa fatt inkontestat fid-dinja tad-droga li persuni bhal ma' kienu l-esponenti li jkunu heavy users ma' jixtrux droga ezattament biex jinqdew f' darba wahda izda jixtru bizzejjed droga u izjed biex isostnu l-vizzju taghhom.

4. Illi prova li tikkorrabora dina l-linja ta' hsieb hija l-ammont ta' flus li nstabu fuq l esponenti. L-esponenti dakinhar instabu fuqu mitt euro biss u ghalhekk huwa bid dovut rispett inkoncepibbli li persuna li tkun involuta fl-ispacc tad-droga ikolla ammont relattivament hekk zghir ta' flus. Tant huwa minnu dak li qed jinghad u jigi espost f' dana l-umli rikors tal-appell li apparti d-droga, ma' nstab xejn u xejn izjed konness ma' droga fuq l-appellanti u jew is-searches susegwenti li sarulu;

5. Illi fil-kors tat-trattazzjoni ta' dana l-umli rikors tal-appell l-esponenti fi hsiebu jirreferi ghal diversi sentenzi moghtija mill-Qrati taghna fejn b' mod kostanti gie ritjenut li l-ammont ta' droga wahdu mhux bilfors ikun konducenti li minn irid jiggudika jinferixxi li dik id-droga kienet ghand dak li jkun bil-hsieb li jkun hemm space [pussess aggravat].

6. Illi l-esponenti llum il-gurnata ghandu 56 sena u gie ppruvat li huwa dak iz-zmien kellu problema akuta ta' konsum ta' kokajina. Illi sfortunatament l-ammont ta' hdax [11] il-gramma ma' kienx wiehed sostanzjali ghall-mod kif kien juza d-droga l-esponenti u ammont bhal dak huwa kien jikkonsmah f' qasir zmien, certament zmien li anqas fizikament ma' jhallieh jikkontendi li huwa dik id-droga jittraffikha. Illi llum il-gurnata l-esponenti huwa nannu ta' neputijiet tat-tfal tieghu u involut fgestjoni ta' negozju li jmur ferm u ferm lil hinn mid-dinja oskura li kien jghix fiha f' dawk iz-zmienijiet. Illi dina r-realta certament li kien imissha kkonducjiet lill Ewwel Qorti biex tesplora l-possibilitajiet kollha ta' x' seta sehh f' dak il-lejl u mhux li bid-dovut rispett taghti biss soluzjoni rigida fl-interpretazzjoni li ghaliex instabet dik id-droga fuqu f' daqqa allura bilfors kien ifisser li l-esponenti kellu jigi misjub hati ta' pussess aggravat ta' droga. Illi l-esponenti jirritjeni li d-droga li kellu fuqu kienet ghalih u li huwa kellu jigi misjub hati biss ta' pussess semplici ta' droga;

Rat illi nhar is-16 ta' Dicembru, 2021 l-Avukat difensur tal-appellant Dr. Edward Gatt talab differiment biex jipprezenta rikors ai termini tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta liema rikors ghandu jigi prezentat bil-visto tal-kontro parti bl-intendiment li jigi trattat fis-seduta sussegwenti.

Rat ir-rikors tal-appellanti prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-11 ta' Jannar 2022 fejn stqarr li huwa kien gie misjub hati tal-akkuzi taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u kien gie kkundannat sitt (6) xhur prigunerija effettivi mill-ewwel Qorti.

Illi huwa jikkontendi bid-dovut rispett li jezistu ragunijiet, fatti u cirkostanzi li ghandhom iwaslu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tikkonverti ruhha fi Drug Court u ghalhekk talab li din l-Onorabbli Qorti tisma l-provi li bi hsiebu iressaq l-appellant sabiex wara jkun deciz jekk jezistux ragunijiet sabiex il-Qorti tkun konvertita kif aktar 'l fuq qed ikun espost f'dan l-istess rikors prezentat minnu.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-13 ta' Jannar 2022 fejn espona s-segwenti:-

*"Illi skond dak li qieghed itenni r-rikorrenti huwa jissodisfa l-kreiterji stabbiiti mill-Artikolu 8 tal-kap 537 tal-ligijiet ta' Malta dwar dependenza fuq id-droga u konsegwentenement din il-Qorti ghandha tassumi l-funzjoni ta Qorti dwar id-Droga ai termini ta' dak li hemm ravvizat fl-istess kapitolu.*

*Illi ghaldaqstant l-esponenti umilment jissottometti li qabel xejn ir-rikorrenti ghandu jgib prova sufficjenti illi hwua jissodisfa l-kriterji stabbiliti mill-Artikolu 8 (1) u (2) tal-kap 537 tal-ligijiet ta' Malta qabdel din l-Onorabbli Qorti taghti kwalunkwe provvvediment f'dan ir-rigward.*

*Illi prelimianrjmanet jigi rilevat li minkejja dak iddikjarat fiur-rikors odjern, ir-rikorrenti sa issa ma ressaq ebda prova sufficcjenti u piuttost ta ftit xejn dettalji fuq kif jista b'xi mod*

*jissodisfa il-kriterji ravvizati fl-kapitolu 537 tal-ligijiet ta Malta, izda sempliciment jiddikjara li c-cirkostanzi tieghu jinkwadraw f'dak li jirraviza l-istess Att;*

*Ili skond atti processwali, il-Qorti tal-Magistrati sabet lir-rikorrenti hati bi ksur ta' artikoli 22 (1) (a) u 33 (b) (i) tal-kap 101 tal-ligijiet ta' Malta kif iddikjarat fis-sentenza ta' l-istess Qorti tad-29 ta' Settembru 2021.*

*Illi sabiex it-tali talba tar-rikorrenti tigi ikkunsidrata fl-ewwel lok irid jintwera jekk hemmx raguni ta' impediment skond l-artikolu 13 tal kap 537 tal-ligijiet ta' Malta.*

*Illi skond l-artikolu 13 tal-kap 537 tal-ligijiet ta' Malta l-applikabilita tal-Artikolu 8 ta' l-istess Kapitolu ma ghandux japplika fis-segwenti stanza:_*

*8(1) " Meta l-persuna akkuzata hija mixlija b'rat kontra l-ligijiet dwar id-droga fir-rigward ta kwantita ta' droga projbita li, irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purita ma taqbizx il-kwantita ta' droga elenkata fil-linji Gwida li jinsabu fir-Raba Skeda tal Ordinanza dwar il-Medicini perikoluzi jew fir-Raba Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha bhala kwantita ta droga li tindika lil-persuna akkuzata m'ghandhiex tigi riferita ghal procedure quddiem il-Qorti Krimianli jew hi akkuzata bit-twettiq ta xi reat li ghalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin prigunerija u l-kundizzjonijeit imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatt.."*

*(2) Il-kundizzjonijiet li ghandhom jigu sodisfatti ghall-finijiet tas- subartikolu (1) huma dawn li gejjin:*
*(a) Ir-reat kontra l-ligijiet dwar id-droga jew kontra kul ligi ohra li bih il-persuna akkuzata hi mixlija hu sostanzjalmet attribwibbli ghad-dependenza ppruvata fuq id-droga tal-akkuzat.*
*(b) li r-reat kontra xi ligi ohra li mhix il-ligijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkuzata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali imwettaq waqt li l-persuna akkuazta kienet fi-pusess ta' arma regolari jew bl-uzu ta' nar jew splussiv;*

*(c) li hemm ragunijiet oggettivi il jindikaw li l-persuna akkuzata x'aktarx tigi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li ghamlet progress jew sforz sostanzjali biex jehles minn tali dependenza.*

*U dan salv kul provediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha timpani fic-cirkostanzi."*

Semghet lil **Konsulent Psikjatriku Dr. Joseph Spiteri** jixhed fis-seduta tat-8 ta' Frar 2022 u jghid li l-appellant ilu pazjent tieghu sa mis-sena 2017 u ghamel tlett snin imur ghandu ta' spiss. Dak iz-zmien kien ghaddej minn separazzjoni minn ma martu u beda jixrob b'mod eccessiv. Wara x-xorb, beda jiehu ukoll id-droga, b'mod patikolari id-droga Kokana. Jghid li ma kienx ikollu ebda kontrol fuqha.

Illum il-gurnata l-appellant gie stabbli f'hajtu u qatgha kompletament mid-droga u jista' jiddikjara li huwa clean. Ikkonkluda li fl-appellant ra kambjament totali.

**Ikkunsidrat,**

Illi l-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta jistabbilixxi essenzjalment hames rekwiziti ghal biex persuna li tkun mixlija b'reat tista' tkun elegibbli sabiex tigi ipprocessata minn Qorti dwar id-Droga.

1. il-persuna akkuzata trid tkun mixlija b'reat kontra l-ligijiet dwar id-droga.
2. l-ammont ta' droga mertu tal-kaz ma jkunx jeccedi dak indikat fil-linja gwida li tinsab fir-Raba Skeda tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. ir-reat huwa attribwibbli sostanzjalment ghad-dipendenza tal-persuna akkuzata fuq id-droga u allura irid jigi stabbilit illi fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat kienet tezisti din id-dipendenza.
4. jekk ir-reat ikun wiehed taht xi ligi ohra u mhux dik dwar id-droga, dan ma jkunx wiehed fejn il-piena teccedi is-seba' snin prigunerija u ma ikunx reat

volontarju kontra l-persuna jew inkella li r-reat ma jkunx gie imwettaq bl-uzu ta' armi regolari jew splussiv, u

5. irid jigi ippruvat illi jezistu ragunijiet oggettivi li jindikaw li l-persuna akkuzata x'aktarx tigi rijabilitata mid-dipendenza taghha fuq id-droga jew li ghamlet progress jew sforz sostanzjali biex tinheles minn din id-dipendenza.

Issa meta qorti tintalab tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti ta' Droga u tibghat l-atti quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, f'kaz li l-Bord jiddikjara lill-persuna akkuzata hielsa mid-dipendenza fuq id-droga, il-Qorti ma tapplikax it-terminu minimu mandatorju ta' prigunerija jew l-eskluzjoni tal-applikazjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni tat-terminu ta' prigunerija biex b'hekk il-persuna misjuba hatja tibbenefika minn piena inqas gravuza u cioe' wahda alternattiva ghal dik tal-inkarcerazzjoni.

**Ikkunsidrat,**

Illi l-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi hekk:

"(1) Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li, irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema' u wara li tikkonsulta

mal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga".

*(2) Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiet tas-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:*
*(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kullliġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;*
*(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;*
*(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga".*

Illi ghalhekk jidher car li sabiex dak li jkun jista' jghamel talba ghal tali talba quddiem din il-Qorti u cioe sabiex tikkonverti ruha fi Qorti ta' Droga iridu jigu sodisftti b'mod preliminari zewg rekwiziti u cioe:

1. Ir-reat li jkun akkuzat bih ma jistax ikollu piena li teccedi seba' snin priġunerija u f'kaz li din il-kondizzjoni hija sodisfatta jibqa' t- tieni kundizzjoni u cioe',

2. Li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti.

   Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiet tas-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:

   (a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;

(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;

(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga.

Issa fil-kaz in desamina jidher li l-appellant kien imressaq il-Qorti akkuzat bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija. Konsegwentment *ab initio* l-appellant jista' jghamel talba ghal tali konverzjoni purche it-tlett kundizzjonijiet imsemmija fis-sub artikolu 2 tal-artikolu 8 huma sodifatti partikolarment li r-reati attribiwibbli mill-appellant kienu sostanzjalment attriwibbli ghad-dipendenza pppruvata fuq id-droga tal-akkuzat, li r-reat li tieghu instab hati mhux reat kontra il-persuna u ma intuzaw l-ebda armi regolari, jew splussiv fil-kummissjoni tar-reat u fit-tielet lok hemm ragunijiet li ghandhom iwasslu lil Qorti li l-apellant verament jixieq jehles mid-dipendenza tad-droga.

Fir-rigward tal-piena attribwibbli f'kaz ta' htija ma hemmx kontestazzjoni li din ma teccedix is-seba' (7) snin prigunerija. Dwar it-tip ta' reat li l-appellant hu akkuzat bih, jinghad li dan hu reat proprju li jmiss mal-Ordinanza tad-Drogi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) u appuntu r-reat ta' traffikar u pusses tad-droga Kokaina u Kannabis.

Jidher ghalhekk li l-appellant ma hux akkuzat b'reat volontarju kontra l-persuna u lanqas ma hu akkuzat b'reat kommess waqt li kien fil-pussess ta' arma regolari jew bl-uzu ta' nar jew splussiv.

Sta ghalhekk ghall-appellant li jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li hemm ragunijiet oggettivi li jindikaw li l-pesuna akkuzata x'aktarx tigi rijabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew **li ghamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex tehles mid-droga**[1].

Issa minn ezami tal-fedina penali tal-appellant esebita fl-atti li hija updated sa Settembru 2019 jidher li l-appellant ilu bil-problema ta' abbuz ta' droga ghal zmien twil u dan zgur sa mis-sena 2008 skond il-conviction registrata fil-fedina penali tieghu nhar il-15 ta' Marzu 2010 fejn ghandu ukoll conviction ohra datata 5 ta' Lulju 2013 li ukoll tikkoncerna pussess ta' droga. Di piu jirrizulta mix-xhieda ta' Dr. Joseph Spiteri li ma gietx kontradetta b'ebda prova kuntrarja li l-appellant baqa ghaddej b'dan l-abbuz zgur sas-sena 2017. Ghalhekk zgur li jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li tul il-komissjoni tar-reati addebitati fil-konfront tal-appellant, l-appellant kien mahkum minn dan il-vizzju mishut. Li jirrizulta ukoll mix-xhieda ta' Dr. Spiteri, li pero l-appellant kien ghamel sforz kbir sabiex izomm 'l boghod minn dan il-vizzju u jirrijabilita ruhu f'dan ir-rigward. Tant li Dr. Holland tghid li fil-fatt l-appellant ghamel kambjament kbir f'hajtu kien hemm ragunijiet oggettivi li l-appellant tejjeb ferm is-sitwazzjoni tieghu f'kull qasam ta' hajtu inkluz dak ta' l-uzu tad-droga, fejn ghamel progress konsiderevoli u li ghamel passi konkreti sabiex jirrijabilita ruhu. Spjega li ghandu stabilita f'hajtu u ghandu impieg regolari ghalhekk a bazi ta' din ix-xhieda li ma gietx kontestata jew kontradaetta "*hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga*".

L-Avukat Generali fit-trattazzjoni tieghu irrimetta ruhu ghall-atti processwali.

Ghalhekk din il-Qorti tqis li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-Subartikolu (2) huma sodisfatti, w ghalhekk issa wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-

[1] Sottolinar ta' din l-Onorabbli Qorti

avukat difensur f'isem il-persuna akkużata w lill-Ufficjal Prosekutur jirrimetti ruhu ghal gudizzju tal-Qorti w semghet ukoll lil Dr. Joseph Spiteri liema xhud qieset li kien neċessarju, thoss li ghandha tikkonsulta mal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga u ghalhekk tirreferi lill-persuna akkużata quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga sabiex jagħti dawk l-ordnijiet fir-rigward tal-persuna akkużata kif previst fl-Artikolu 6.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur